# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 560/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Annalise Agius**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2019

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti, Annalise Agius, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 302685M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. F'Lulju, 2015 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet

foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' itraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqlet tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' mija u hamsin ewro [€150.00], ghad-detriment ta' Rev. Walter Tommy Cauchi u/jew Bank of Valletta u/jew Alfred Muscat;

2. F'Lulju 2015 u fix-xhur ta' qabel, ikkommettiet serq ta' cekk tal-Bank of Valletta bin-numri 001511, mahrug fuq kont bankarju numru 12300714013 bi hsara ta' Rev. Walter Tommu Cauchi u/jew Bank of Valletta;

3. Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoi jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi ghad-dannu tar-Rev. Walter Tommy Cauchi, u/jew Bank of Valletta;

4. Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamlet uzu minn dokumenti foloz ghad-dannu tar-Rev. Walter Tommy Cauchi u/jew Bank of Valletta.

5. Ukoll talli nhar it-22 ta' Dicembru, 2015 ghall-habta ta' bejn is-sebgha u nofs u t-tmienja nieqes kwart ta' filghaxija minn gewwa s-sagristija tal-knisja ta' San Lawrenz, Birgu ikkommettiet serq ta' brief-case kontenenti cwievet ta' diversi fondi tal-knisja, liema serq hu aggravat bil-hin, u lok u li sehh a detriment ta' Rev Joseph Mizzi.

Il-Qorti kienet mitluba li titratta lil Annalise Agius bhala recediva ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet

ta' Malta, wara li giet misjuba hatja b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-16 ta' Novembru, 2016 li permezz taghha wara li rat l-Artikoli 17, 20, 49, 50, 183, 184, 261(e)(f), 281(b), 284, 285, 308, 309 u 310(c) tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha, u ikkundannata ghal perjodu ta' sitta u ghoxrin xahar prigunerija. Il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut;

Rat ir-rikors tal-appellanti, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-28 ta' Novembru, 2016, li bih talbet lil din il-Qorti jogghobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi **thassarha u tirrevokaha** nkwantu l-piena inflitta u minflok timponi piena aktar gusta u ekwa skond il-ligi ghall-kaz odjern u tikkonfermaha fil-bqija.

Rat l-aggravji tal-appellanti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lix-xhud;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellanta tillanja s-sentenza appellata bil-gravam singolari dirett lejn il-piena erogata mill-ewwel Qorti liema piena hija tqis bhala wahda mhux idonea u eccessiva. L-appellanta tressaq l-argument illi hija f'dak iz-zmien kienet persuna aflitta mill-vizzju tad-droga, kienet bla saqaf u ghandha bzonn l-ghajnuna;

2. L-ewwel ezercizzju li ghamlet il-Qorti ghar-rigward tal-piena hu li ezaminati ir-reati dedotti kontra l-appellanta u li taghhom instabet hatja sabiex ikun accertat li din kienet fil-parametri tal-ligi. Dan ghaliex jekk kellha tinghata piena anqas gravuza, allura l-appellanta jkollha ragun tilmenta. Dan izda ma huwiex il-kaz ghaliex l-ewwel Qorti kominat dik il-piena stabbilita fil-Kodici Kriminali applikabbli ghar-reati li dwarhom l-appellanta instabet hatja. L-ewwel Qorti applikat ukoll l-artikolu 17 dwar il-konkors ta' reati u ghalhekk kienet aktar milli korretta fis-sentenza taghha;

3. Isegwi ghalhekk issa li jkun ezaminat jekk hemmx xi raguni ghaliex din il-Qorti ghandha tiddisturba id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti meta applikat is-sanzjoni karcerarja kontra l-appellanta u f'dak l-ammont. L-atti processwali juru illi l-appellanta kienet irregistrat ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri. Preventivament irid jinghad illi fis-sentenza Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Camilleri tal-5 ta' Lulju 2002, kien ritenut illi l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena. Pero' fis-sentenza Il-Pulizija vs Emmanuel Testa (App Krim 17.07.2002) il-Qorti kienet iddeskriviet bhala "regoli generali" dawk li ghandhom jigwidaw lill-Qrati meta jkun hemm

ammissjoni u taghmel referenza imbaghad ghal dak ritenut dwar regoli generali mfissra fis-sentenza preliminari Ir-Repubblika ta' Malta v Nicholas Azzopardi tal-24 ta' Frar, 1997 u ghalhekk ser ikunu ezaminati c-cirkostanzi ta' dan il-kaz minn din l-ottika;

4. L-ewwel Qorti kienet ordnat *Pre Sentencing Report* sabiex tkun fl-ahjar qaghda tiddeciedi dwar il-piena kominabbli. L-Ufficjal tal-Probation inkarigata b'dan l-istharrig kienet ghamlet diversi tentattivi sabiex tikkomunika mal-imputata li izda qatt ma wiegbet u wara diversi seduti u wara li l-Ufficcjal esebiet l-ittri indirizzati lill-imputata fiz-zewg indirizzi moghtija lilha l-ewwel Qorti kienet ghazlet li tirrevoka l-inkarigu u ghaddiet biex tipprolata s-sentenza. L-appellanta tressaq l-argument illi l-ittri mibghuta mill-Ufficcjal tal-Probation ma kienux waslulha ghaliex kienet qed tirrisjedi f'indirizz differenti. Din il-Qorti ukoll ghamlet l-ghalmu taghha sabiex tkun infurmata bis-sitwazzjoni socjali tal-imputata billi talbet lill-istess Ufficjal tal-Probation taghmel l-analizi taghha in rigward;

5. L-ufficcjal tal-Probation irraportat lura lil din il-Qorti b'attitudini negattiva tal-imputata fejn hu manifest id-dipendenza taghha fuq id-droga tant li rrizultat pozittiva ghall-konsum ta' droga anke fil-mori ta' dan l-appell minkejja li ghamlet minn kollox biex turi, ossia taghti l-impressjoni, li qed tmur ghall-ahjar. Jidher illi l-appellanta qed tirrifjuta kull ghajnuna li l-Istat offrielha sal-lum – haga din li ftit li xejn tinkoragixxi lil din il-Qorti sabiex tara jekk hemm xi possibilita' li tibdel is-sentenza karcerarja f'wahda anqas gravuza billi tiddipartixxi minn dak li llum huwa stabbilit li din il-Qorti, bhala regola, ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti f'dak li jirrigwarda l-piena erogata;

6. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, ma hemm ebda raguni ghaliex din il-Qorti ghandha tvarja is-sentenza fejn si tratta tal-piena kominata mill-ewwel Qorti u ghal din ir-raguni, l-appell qed ikun michud.